MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 913/2001/1

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Jesmond Goodlip**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Settembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm125.74), ammont dovut lis-socjeta` attrici nkonnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 225099 (skond ma jirrizulta mid-Dok.A) u liema servizz gie nstallat fil-fond Flat 8, Triq San Guzepp, Bieb B, Valletta, u dana skond ma jidher mill-anness "service agreement" market "Dok.B".**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm125.74) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Novembru, 2002, bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**